# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Settembru, 2021**

**Numru 3**

**Rikors Numru 140/19 TA**

**Jonathan Felice ID 389288M**

**vs**

i. **Il-Kummissarju tal-Pulizija,**
ii. **Direttur Ġenerali Qrati u Tribunali**
iii. **Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jonathan Felice (ir-rikorrent) tat-2 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi huwa tressaq akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali kif gej:-
>
> Jonathan Felice, b'diversi atti maghmulin minnu, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli:-
>
> i. Ricediv f'delitt,fis-27 ta' Gunju 2006, f'Hal Qormi ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar (15:30hrs), bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq mill-fond "Casa Debono" gewwa Triq il-Vittorja, Hal-Qormi, wera dan il-hsieb b'att esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhaba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie ezegwit kien ikun

ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-vjolenza numeria u akkumpanjata b'offiza grazi li ggib il konsegwenza msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, cioe` debbuliza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-isem, jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, kif ukoll offizi hfief, meta din il-"vjolenza" hekk imsemmija hija diretta kontra persuna li ghalqet sitting sena (60) u cioe` l-persuna ta' Dolores Debono ta' wiehed u tmenin sens (81) kif ukoll bis-sekwestru tal-persuna;

ii. Recidiv f'delitt, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Dolores Debono f'perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaguna jew x'aktarx ikkaguna debbulizza permaneti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal gisem, jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, meta l-persuna offiza ghalqet l-eta` ta' sittin sena;

iii. Recidiv f delitt, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Dolores Debono f'perikolu car, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq persuna, meta l-persuna offiza ghalqet l-eta` ta' sittin sena.

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Novembru 2014, b'sitt (6) voti favur u tliet(3) voti kontra sabu lill-akkuzat Jonathan Felice hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, b'danam pero` li l-offiza kienet wahda hafifa, b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh hux hati skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, u b'sitt (6) voti favur u tliet (3) voti kontra sabuh hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Illi, waqt l-interrogazzjoni li saret qabel ma tresaq il-Qorti fil-kaz bin-numru ta' riferenza 16/2013, hu ma kienx assistit minn avukat. Din tmur kontra dak li nghata fis-sentenza Salduz vs. Turkija tas-27 ta' Novembru 2008. F'din id-deicizjoni l-qorti ghamlitha cara li:

*… in order for the right to a fair trial to remain sufficiently practical and effective' (see paragraph 51 above) Article 6 (1) requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons o restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a awyer, such restrictio – whatever its justification – must not induly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see mutatis mutandis, Magee, cited above $44). The rights of the defence will in principle be irretrievably (be) prejudiced when incriminating statements made during police interrogation*."

Illi, il-kaz presedut mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs. Alfred Camilleri - referenza kostituzzjonali numru 32/2011 datata 16 ta' Jannar 2012, ghamel riferenza ghal kaz hawn fuq imsemmi. F'danil-kaz naraw kif gie spjegat li l-*enfazi hi cara, l-access ghall-avukat hi*

*centrali biex jigi assigurat r-rispett ghad-dritt li s-suspettat ma jinkriminax lilu nnifsu*."

Illi, l-kaz hawn fuq imsemmi jkompli billi jinghad li:

"*Minn qari tas-sentenza ta' Salduz hu altru milli evidenti li persuna li tkun taht il-kustodja tal-pulizija ghandu jkollha access ghall-avukat qabel twiegeb ghal domandi. Il-Qorti esprimeit il-fehma li … the abscene of a lawyer while he was in police custody irretrievably affected his defence rights*." *Mill-gurisprudenza ta' Strasbourg hu evidenti li m'huwiex bizzejjed ghas-sistema legali li tassigura li s-suspettat jaf li ghandu dritt ghas-silenzju u li dan jigi salvagwardjat kontra kull possibilita` li b'theddid jew weghdiet ta' kull xorta, jista' jigi ndott kontra l-volonta` tieghu li jitkellem u b'hekk jinkrimina lilu nnifsu. Hu imperattiv li qabel jigi nterrogat jinghata l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat biex jatih parir mhux biss dwar id-dritt tas-silenzju, imma wkoll jekk huwiex fl-interess tieghu li jercita tali dritt, billi ma jghid xejn jew jaghmel dikjarazzjoni limitata. Sahansitra, l-Imhallef Bratza (illum President tal-Qorti) mar pass iktar 'il quddiem meta qal: "I consider that the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention*."

"*… Stqarrijiet li jittiehdu minghajr mal-persuna tkun inghatat access ghall-avukat, ma ghandhomx jintuzaw bhala prova kontriha. Dan ghandu japplika wkoll ghal xhieda li tkun ser tressaq il-prosekuzzjoni biex jirrakontaw dwar xi stqarrija verbali tal-akkuzat meta jkunu sarulu mistoqsijiet fil-presenza taghhom*."

"… *Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li:*

1. *Kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta' Alfred Camilleri protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinat mal-Artikou 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt ghall-access ta' avukat qabel sarulu domandi mill-Ispettur Norbert Ciappara fi Triq Sant'Ursola, Valletta u fid-dar 134, Triq Sant'Ursola, Valletta fis-7 ta' Settembru 2006.".*

Illi dan l-istess dritt gie rikonoxxut mill-Grand Chamber fil-kaz Saunders vs. United Kingdom (1996) fejn intqal:

"*The Court recalls that, although not specifically mentioned in article 6 of the Convention, the right to silence and the right not to incriminate oneself, are generally recognised international standards which lie, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of article 6 … The right not to incriminate oneself, in particular, presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused. In*

*this sense the right is closely linked to the presumption of innocenc contained in article 6(2) of the Convention*.

Illi, fil-kaz il-Pulizija vs. Alvin Privitera (11 ta' April 2011) l-Onor Qorti Kostituzzjonali diga` kellha l-opportunita` tghid li n-nuqqas ta' access ghall-avukat waqt l-investigazzjoni jista' jippregudika rrimedjabilment id-dritt ghad-difiza tal-akkuzat, u *jekk hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le*."

Illi, waqt dawn il-proceduri l-esponenti kien ghadu taht l-eta`.

Illi,l-esponent pprezenta rikors ta' appell fis-17 ta' Mejju 2013 a bazi tal-fatt li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, kif ukoll li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljati tal-ligi, li kellhom influwenza fuq il-verdett.

Illi, l-esponent, b'appell mid-digriet tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Novembru 2014, irrefera ghall-ewwel aggravju tieghu bhala appell minn digriet tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Novembru 2014 li bih ezentat lil Dolores Debono milli tixhed. L-appellant ssottometta:

"*Illi b'rikors tas-6 ta' Novembru 2014, il-parti leza Dolores Debono intavolat rikors fejn spjegat li hija kienet residenti fir-Residenza bl-isem ta' St. Catherine's Old People's Home f'H'Attard u li minhabba li tbati minn xi kundizzjonijiet medici, hija ma kinitx tohrog minn din il-Home. Minhabba f'dan hija talbet lil Qorti tezentaha milli tidher u tixhed quddiemha fil-Bini tal-Qorti ghar-ragunijiet premessi. Kien imbaghad l-Avukat Generali li fir-Risposta tieghu talab li jigi applikat is-subinciz 646(2) biex Dolores Debono ma tixhidt u minflok tinqara x-xhieda taghha. L-Ewwel Qorti ddekretat ir-rikors illi tilqa' t-talba, tezenta lir-rikorrent milli tidher il-Qorti biex tixhed u minflok tingara d depozizzjoni taghha ai termini tal-Artikolu 646(2) tal-Kap 9.*"

"*B'kull rispett, dan id-digriet kien irritwali bi vjolazzjoni tal-istess ligi, sew ghaliex talba valida li tista' tintlaqa' trid tkun kontenuta f'Rikors (u mhux f'Risposta), u r-rikorrenti ma talbitx li tigi ezentata milli tixhed imma li tigi ezentata milli tixhed fil-bini tal-Qorti', kif ukoll ghaliex l Artikolu 646 jippermetti li tinqara xhieda ta' xhud minghajr ma jistema viva voce fil-kaz biss jekk ix-xhud ikun mejjet ikun barra minn Malta, jew ma jkunx jista' jinstab … …*

*… "Illi din l-irregolarita` procedural mhux biss ippregudikat il-process kollu in kwantu kif ser jinghad aktar 'il quddiem, l-Imhallef sedenti stiedem lill-gurija jiddeciedu l-kaz billi jaghzlu jemmnux lil Jonathan Felice jew lil Dolores Debono, izda ghaliex id-difiza kienet tal-fehma mill-bidu nett li Dolores Debono kienet diga' persuna vulnerabbli dak iz-zmien tal-incident, u li kienet facilment tigi influwenzata mis suggerimenti li jsirulha minn min ikellimha. Kieku l-gurija inghataw l-opportunita` jevalwaw il-komportament*

*(id-demeanour) u disposizzjoni ta' din il-persuna, il-gurija kienet certament tkun f'posizzjoni ahjar tifhem u tassorbi l-pozizzjoni li hadet id-difiza dwar x'wassal li DoloresDebono tibdel il-verzjoni taghha minn allegazzjoni li t-tliet hallelin kellhom wicchom mghotti ghal allegazzjoni li wiehed mit-tlieta kellu wiccu mikxuf u setghet taghrfu.*".

Illi, ghaldaqstant, l-esponenti gie mcahhad mid-drittijiet tieghu minhabba irregolarita matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fondamentali ta' dritt tal-avukat u tad-dritt ta' akkuzat li jressaq provi in difesa u sabiex jipprova l-inkolpevolezza tieghu, protett b'mod partikolari bl-Artikolu 39(disgha u tletin) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, specjalment is-subartikoli (6)(b) u (d) ta' dak l-Artikolu u ukoll mill-Artikolu 6 (3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif adottata bhala parti mil-ligijiet ta' Pajjizna bis-sahha tal-Kap. 319;

Illi l-esponenti jemmen li l-uniku rimedju li jista' jaghmel gustizzja mieghu, peress li issa s-sentenza giet res judicata, hu kumpens, pekunjarju.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel jew taghti dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi kollha illi tqis xierqa, b'mod partikolari fis-sens appena indikat hawn fuq, sabiex twettaq l-imsemmija Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, fosthom illi tordna kumpens pekunjarju ghal dawn l-istess volazzjonijiet.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali (l-intimati Awtoritajiet) tal-21 ta' Awwissu 2019, li permezz tiegħu wieġbu s-segwenti:

"Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens illi "*dan kollu jikkostitwixxi ksur ta' drittijiet fondamentali ta' dritt tal-avukat u tad-dritt ta' akkuzat li jressaq provi in difesa u sabiex jipprova l-inkolpevolezza tieghu, protett b'mod partikolari bl-Artikolu 39 (disgha u tletin) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, specjalment is-subartikoli (6)(b) u (d) ta' l-Artikolu u ukoll mill-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif adottata bhala parti mil-ligijiet ta' Pajjizna bis-sahha tal-Kap. 319*". Illi r-rikorrenti qieghed ukoll jinvoka l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni sabiex jiggustifika l-ghoti ta' rimedju pekunjarju f'kaz ta' sejbien ta' lezjoni.

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottomettu li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli ghall-kwistjoni mqajjma mir-rikorrenti. Dan ghaliex dan l-artikolu jghodd biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti (ara s-sentenza ghar-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco* deciza fil-15 ta' Novembru 2011). F'dan il-kaz, in kwantu l-ilment jinsab dirett fil-konfront ta' perjodu fejn kienet ghaddejja l-fazi tal-interrogazzjoni min-naha tal-Pulizija tali perjodu mhuwiex kopert bil-protezzjonijiet mahsuba bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk la darba c-cirkostanzi kkontestati jmorru lura ghal grajjet li sehhew qabel ma kienu lahqu nbdew xi procedimenti, allura dan ifisser li din il-parti tal-ilment ma tistax taqa' fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk isegwi li dan l-artikolu ma japplikax in kwantu qieghdha tigi attakkata l-istqarrija li rrilaxxa r-rikorrenti;

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mhuwiex applikabbli u ghandu jigi dikjarat bhala tali;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid tal-istqarrija, l-esponenti jissottomettu li bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali li persuna akkuzata b'reat kriminali jkollha proceduri li jinzammu bil-garanziji ta' smigh xieraq. Illi l-fatt fih innifsu li persuna ma tkunx thalliet tikseb parir legali qabel l-interrogatorju taghha ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni gie lez id-dritt ghal smigh xieraq. Illi sabiex in-nuqqas ta' assistenza legali tkun tista' potenzjalment twassal ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq irid jigi muri b'mod sodisfacenti li minhabba dak in-nuqqas inholoq perikolu illi persuna tinsab hatja meta ma ghandux ikun hekk;

Illi dak li jiggarantixxu l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huma dritt ghal smigh xieraq u mhux dritt ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Illi marbut ma' dan, id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita` tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument specifiku;

Illi wiehed ma jridx jinjora wkoll il-fatt illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hemm jixtieq izda dak li kien ser jghid seta' jingieb bhala prova kontra tieghu. Illi l-istess rikorrenti kienet qed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha tant hu hekk li tista' tghid ma wiegeb ghall-ebda domanda. Illi r-rikorrenti ma sofra ebda pressjoni, theddid jew influwenza fit-tehid tal-istqarrija u lanqas jista' jigi kkunsidrat bhala persuna vulnerabbli u dan stante li meta giet rilaxxata l-istqarrija ghalkemm ir-rikorrenti kellux sbatax-il sena madanakollu kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien xellef durejgh mal-gustizzja tant hu

hekk li r-rikorrenti qabel it-tehid tal-istqarrija tieghu mertu tal-kawza odjerna kien diga` kkommetta diversi reati fosthom serq kemm ta' vetturi kif ukoll serq minn residenzi. Illi ghalhekk ir-rikorrenti certament ma jikkwalifikax bhala persuna 'vulnerabbli' tenut kont tar-reati li kien diga` wettaq. Illi l-Pulizija kienu kellmu lir-rikorrenti diversi drabi qabel fuq reati ohra bil-konsegwenza li certament li l-presenza tal-Pulizija fil-mument tat-tehid tal-istqarrija tar-rikorrenti bl-ebda mod ma intimidat lir-rikorrenti stante li r-rikorrenti kellu diversi esperjenzi ta' stqarrijiet kif ukoll kien diga' tressaq quddiem il-Qrati u nstab hati fuq reati ohra qabel ma rrilaxxa l-istqarrija tieghu b'referenza ghall-kawza odjerna. Illi aktar minn hekk l-istess rikorrenti xehed quddiem il-Qorti Kriminali fejn ta l-verzjoni tieghu.

Illi d-dritt ghall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni giet imfissra u interpretata mill-Qorti Ewropeja f'diversi kazijiet fejn l-interpretazzjoni inbidlet kemmxejn mill-interpretazzjoni originali li kienet inghatat ghal certu perijodu ghal liema sentenzi jirreferi r-rikorrenti. F'dan il-kuntest, l-esponenti jirreferu ghad-decizjoni moghtija mill-Grand Chamber l-ismijiet **Beuze v. Belgium** fejn gew elenkati numru ta' fatturi li kellhom jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-proceduri fit-totalita` taghhom sabiex wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni jewkk effettivament inkisirx id-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mit-tehid ta' istqarrija minghajr assistenza legali. Illi wara li nghatat is-sentenza **Beuze v. Belgium** il-Qorti Ewropeja kellha l-opportunita` li tevalwa s-sistema processwali kriminali nostrana sabiex tara jekk is-sistema taghna toffrix garanziji bizzejjed anke jekk id-dritt ta' avukat ikun ristrett b'mod sistematiku. In fatti, fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia v. Malta** li nghatat fl-4 ta' Gunju 2019, il-Qorti Ewropeja sabet li l-fatt li l-persuna ma kinitx inghatat assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u dan peress li kien hemm restrizzjoni sistematika dan fih innifsu ma jiksirx id-dritt ta' smigh xieraq stante li s-sistema nostrana toffri garanziji ta' smigh xieraq tul il-process kriminali li jinnewtralizzaw tali restrizzjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante li mhux gustifikata.

4. Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq peress li Dolores Debono giet ezentata mill-Qorti Kriminali milli tixhed,l-esponenti jibdew billi jissottomettu illi r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali zbaljaw fis-sentenza jew digrieti taghhom. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima.

Illi mill-atti processwali tal-guri fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Jonathan Felice*" Att ta' Akkuza 16/2013 jirrizulta li r-rikorrenti appella fuq dan il-punt u l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza taghha tal-20 ta' Ottubru 2017 cahdet l-appell mid-Digriet. Illi fi-fehma tal-esponenti, ir-rikorrenti ma jistax permezz tal-proceduri kostituzzjonali jerga' jirriproponi 'appell' tramite l-procedura kostituzzjonali u dan stante li azzjoni kostituzzjonali mhijiex appell tat-tielet grad kif qieghed jippretendi r-rikorrenti.

Illi jekk wiehed jidhol fil-mertu tal-kwistjoni, jirrizulta li r-rikorrenti kellu l-opportunita` r-rikorrent ma uzax anke jekk meta kienet iddeponiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istuttorja Dolores Debono diga` kellha 81 sena. Illi meta gie ntavolat ir-rikors minn Dolores Debono fejn gabet a konjizzjoni l-fatt l-istat ta' sahha taghha, ir-rikorreti ghamel riferenza ghall-gatt li kien irrizerva l-kontro-ezami tax-xhud izda kien fl-ahhar tar-risposta tieghu irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Tajjeb li wiehed jaghmel ukoll riferenza ghall-verbali tal-guri fejn fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, kull meta l-Prosekuzzjoni talbet li tinqara x-xhieda li nghatat minn Dolores Debono ir-rikorrenti ma opponiex ghal tali talba.

Illi jsegwi ghalhekk li l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante li mhux gustifikata.

5. Illi jsegwi ghalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom.

6. Salv u impregudikata kwalunkwe eccezzjoni ohra f'kaz ta' bzonn.

7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Rat li d-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali notifikat fit-2 ta' Awwissu 2019 baqa' ma għamel ebda risposta;

Rat il-verbal tal-24 ta' Frar, 2020 fejn il-partijiet talbu li l-atti li saru referenza għalihom jiġu allegati formalment u il-Qorti laqgħet it-talba tagħhom;

Rat l-atti u dokumenti kollha tar-rikors;

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors tas-smiegħ tar-rikors;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent u tal-intimati Awtoritajiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**.

**1.** Ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Kriminali akkużat b'diversi rejati kommessi fis-27 ta' Awwissu 2006 f'Ħal Qormi u dan kif premess fir-rikors promotur.

**2.** Permezz ta' Sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent instab ħati ta' uħud mill-kapi ta' akkuża u ġie kkundannat għal 9 snin priġunerija.

**3.** Ir-rikorrent interpona Appell għal Quddiem il-Qorti Kriminali u b'Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2017 dik il-Qorti kkonfermat is-Sentenza appellata salv għall-ispejjes tal-Perit tal-Qorti.

**4.** Meta bħala fatt ir-rikorrent ġie interrogat ma kienx assistit minn avukat. Jirrisulta ukoll li Dolores Debono, il-vittma, ma xehditx *viva voce* quddiem il-Qorti Kriminali, u minflok inqrat ix-xhieda tagħha meħuda fi proċeduri oħrajn li wasslu biex ir-rikorrent jiġi akkużat quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-rikorrent jgħid li dan il-fatt, tellef opportunita' sabiex il-ġurija tkun f'posizzjoni aħjar li tapprezza l-fatti. Dan jgħidu fid-dawl li l-imsemmija

Dolores Debono bidlet il-verżjoni tagħha, fis-sens, li minn tlett ħallelin wiċċhom mgħammad għarrfet lir-rikorrent.

**5.** Dakinhar tal-proċeduri r-rikorrent kien għadu taħt l-eta' u għalhekk kien ukoll vulnerabbli.

**Punti ta' Liġi**

**6.** L-aggravji tar-rikorrent f'din il-kawża jittrattaw żewġ punti ta' natura legali li huma dawn:

i. L-ewwel ilment huwa dak li waqt l-interrogazzjoni li saret qabel ma tressaq il-Qorti, ir-rikorrrent kien sprovvist minn avukat biex jassistih. F'dan ir-rigward jiċċita numru ta' Sentenzi tal-ECHR fosthom **Salduz -vs- Turkija tas-27 ta' Novembru 2008** u dik ta' **Saunders -vs- United Kingdom tal-1996**. Jagħmel ukoll referenza għal żewġ Sentenzi Kostituzzjonali ta' dawn il-Qrati li affermaw dan id-dritt u ċioe' dik fl-ismijiet **Pulizija -vs- Alvin Privitera deċiża fil-11 ta' April 2011** u dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta -vs- Alfred Camilleri tas-16 ta' Jannar 2012**.

ii. Jilmenta ukoll għall-mod kif ġiet eżentata milli tixhed il-vittma Dolores Debono billi inqrat ix-xhieda tagħha fi proċeduri li wasslu għall-akkużi li inħarġu kontra tiegħu. L-argument prinċipali tiegħu hu, li l-ġurija ma kellhiex opportunita' li tevalwa x-xhieda tagħha kif ingħad aktar 'l fuq.

**7.** Sa fejn jirrigwarda dan l-aħħar ilment, jingħad li sar ksur tal-Artikoli 39(6)(b) u(d) u 6(3)(d) tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni rispetttivament. Dawn l-artikoli jiddisponu s-segwenti:

i. Artikolu 39(6)(b) "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu u (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni*".

ii. Artikolu 6(3)(d) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin fosthom:

*"li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu".*

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Il-Qorti ser tgħaddi biex titratta din il-Kawża fl-ordni kif imsemmija hawn fuq.

*L-interrogazzjoni mingħajr assistenza ta' avukat.*

**9.** Illum huwa ormai risaput u solidament rikonoxxut, kemm minn deċiżjonijiet tal-ERCH u kif ukoll minn dawk tal-Qrati lokali, li dan huwa dritt sine qua non tal-persuna li tkun akkużata bil-kommissjoni ta' rejat. L-anqas ma hemm dubbju li dan id-dritt li persuna tkun assistita minn avukat tal-għażla, jinsorġi mhux minn meta jkun akkużat formalment iżda mill-mument li l-Pulizija jkollhom suspett li l-persuna ikkometttiet rejat. Dan jinkludi l-istadju ta' meta tiġi arrestata u tibda l-interrogazzjoni tal-persuna.

**10.** F'dan ir-rigward irid jingħad, li r-rikorrent, għal raġunijiet li jafhom, fir-rikors tiegħu ma jinvokax espressament l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni. B'dana kollu minħabba l-fatt li qiegħed jinsisti li ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti xorta ser tqis jekk kienx hemm ksur taħt dan l-artikolu. Dan jista' jkun ukoll jiġi dedott mill-fatt li ir-rikorrent jagħmel referenza għal dak li qalet din il-Qorti fil-każ tar-Repubblika kontra Alfred Camilleri fuq imsemmi u kif ukoll għall-Kawżi tal-ECHR fuq indikati.

**11.** Dak li qalet il-Qorti ftit qabel huwa abbraċjat pjenament mid-deċiżjonijiet tal-ECHR. Fis-Sentenza fl-ismijiet **Simeonovi -vs- Bulgaria** *(Applikazzjoni no.21980/04)* intqal hekk:

*"The protections afforded by Article 6 §§ 1 and 3 apply to a person subject to a "criminal charge", within the autonomous Convention meaning of that term. A "criminal charge" exists from the moment that an individual is*

*officially notified by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence, or from the point at which his situation has been substantially affected by actions taken by the authorities as a result of a suspicion against him"*

**12.** Din is-sentenza issemmi numru ta' Sentenzi oħrajn li ħaddnu dan il-prinċipju. (ara ***Deweer v. Belgium*, 27 February 1980, §§ 42-46, Series A no. 35; *Eckl v. Germany*, 15 July 1982, § 73, Series A no. 51; *McFarlane v. Ireland* [GC], no. 31333/06, § 143, 10 September 2010; and, more recently, *Ibrahim and Others v. the United Kingdom* [GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 249, ECHR 2016**).

**13.** Il-presenza tal-avukat waqt li tkun qed tittieħed stqarrija hija parti mill-ħarsien tad-dritt tah artikolu 6(1)(3)(c) għalhekk ECHR tispjega li "*The Court has also recognised that the presence of a lawyer during the investigative actions, including police questioning, is an inherent aspect of the safeguard enshrined in Article 6 § 3 (c) of the Convention (see Karabil v. Turkey, no.5256/02, §44, 16 June 2009; Ümit Aydın v. Turkey, no.33735/02, § 47, 5 January 2010; Boz v.Turkey, no.2039/04, §34, 9 February 2010; and Navone and Others v. Monaco, nos.62880/11 and 2 others, §§ 78-79, 24 October 2013) as it is difficult to see how the specific services associated with "legal assistance", which Article 6 § 3(c) of the Convention speaks of, may be exercised in the absence of alawyer".* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Soytemiz -vs- Turkija tas-27 November 2018**).

**14.** Dan it-tagħlim għen biex il-Qrati tagħna, kemm fil-kompetenza Kostituzzjonali u kif ukoll dik kriminali tagħhom, jifformulaw huma wkoll każistika dwar din il-vertenza. Di fatti fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Joseph Camilleri deċiża fil-25 tal-2016**, dik il-Qorti, filwaqt li għamlet referenza għal numru ta' Sentenzi, saħqet fuq is-segwenti:

*"Illi d-dritt ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea gie estiz mill-gurisprudenza ewropea mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assistenza legali ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi jhejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha."*

**15.** Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, din il-Qorti għarblet sewwa il-fatti kollha tal-kawża. Dan għamlitu billi eżaminat l-atti kemm tal-Qorti Kriminali u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Mill-itinerarju ta' kif seħħew l-episodji mill-arrest sas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tirrileva dan li ġej.

**16.** Fl-ewwel lok il-Qorti rat l-istqarrija tal-5 ta' Lulju 2006 li rrilaxxja r-rikorrent. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma tinnotax dawn il-punti ta' importanza.

**17.** Fl-imsemmija stqarrija r-rikorrent f'ebda ħin ma qal affarijiet inkriminati. Anzi kien kawt fuq li kien kawt. Kważi għal mistoqsijiet li sarulu dejjem wieġeb li jagħżel li ma jwiġibx. Is-siwi probatorju ta' din l-istqarrija l-anqas kien wieħed minimu. L-assenza ta' avukat għal din l-istqarrija ftit li xejn jista' jingħad għamlet differenza.

**18.** Minn eżami tas-Sentenzi, ebda waħda mill-Qrati ma inferiet xi ħtija għall-fatt biss li r-rikorrent għażel li ma jweġibx. Għalhekk ma jistax ikun argumentat li kieku kien hemm avukat presenti kien ser jagħmel differenza. Anke fid-dawl li fir-rikors tiegħu r-rikorrent jargumenta li huwa persuna vulnerabbli minħabba l-eta' tenera tiegħu, din il-Qorti ma tistax tasal għal din il-konklużjoni. Anzi minkejja l-eta' tiegħu, wera li jaf sewwa x'kienu id-drittijiet tiegħu u li minkejja l-eta' tiegħu diġa' huwa moħmi mill-ħajja. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-fedina penali tiegħu. Mhux hekk biss, waqt l-interrogazzjoni wera retiċenza kważi professjonali f'sens wisa' tal-kelma.

Fil-fatt meta l-Ispettur staqsih għalfejn ma jridx iwieġeb pront qallu "Għandi kull dritt ngħid hekk" (ara a' fol 20 tal-proċess kriminali).

**19.** La fil-proċeduri Kriminali u lanqas dawk ta' appell qatt ma qanqal il-kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Meta fit-12 ta' Diċembru 2014 presenta ir-rikors ta' Appell kien jaf bl-esistenza ta' Sentenzi li jinvokaw dan il-punt (ara fost oħrajn Sentenzi **QK 8 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali tat-22 ta' Frar, 2013; QK fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Tyrone Fenech**).

**20.** Meta tqis dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ssibha diffiċli ħafna biex issib li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għaliex ma kienx assistit minn avukat. Ma jistax jingħad li kien hemm dan il-ksur meta fl-istqarrija ma qal xejn u li l-fatt li għamel hekk ma servitu ta' ebda preġudizzju fil-proċeduri li ttieħdu kontra tiegħu. L-anqas ma din il-Qorti tista' taċċetta, bħal ma donnu jiġri kull darba f'każijiet bħal dawn, li wara li jkun deċiż il-każ, ġieli anke snin wara, il-persuna tiftakar li ma kienitx assistita minn avukat meta rrilaxxjat l-istqarrija aktar u aktar messu kien jaf bl-esistenza ta' sentenzi f'dan ir-rigward. Waqt il-proċeduri kien assistit minn avukat.

**21.** Dan jingħad b'aktar qawwa meta dan il-punt ma jkun tqanqal qatt fil-proċeduri, għalkemm kien magħruf ben tajjeb minnu jew mill-legali tiegħu, li tali stqarrijiet jistgħu ikunu attakkati. Tul dawn il-proċeduri, ir-rikorrent la

talab xi referenza Kostituzzjonali fuq dan il-punt la quddiem il-Qorti Kriminali u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif kellu kull dritt li jagħmel. Anzi, l-anqas kien wieħed mill-aggravji tal-appell. F’dan is-sens, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju effettiv u ma ħadux. Ħalla kollox jgħaddi u wara ilmenta. Din ix-xorta ta’ attitudni tqiegħed f’inċertezza l-istabbilta’ tal-prinċipju tal-ġudikat.

**22.** Għalhekk dan l-aggravju mhux ser ikun milqugħ.

*L-eżenzjoni ta’ Dolores Debono li tixhed quddiem il-Qorti Kriminali*

**23.** Ir-rikorrent jargumenta li l-fatt li fil-proċeduri kriminali inqrat ix-xhieda tal-vittma Dolores Debono u li wasslu għall-akkużi li nħarġu kontra tiegħu inkisirlu d-dritt fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 39(6)(b) u(d) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni. L-argument prinċipali tiegħu hu, li l-ġurija ma kellhiex opportunita’ li tevalwa x-xhieda tagħha. Kieku ġara hekk, il-ġurija kienet tkun f’posizzjoni li tevalwa dak li r-rikorrent jiddiskrivi bdil fil-verżjoni tal-vittma sa fejn jirrigwarda l-identifikazzjoni tiegħu minnha.

**24.** Biex ikun apprezzat dan l-ilment ikun utli li jiġi rintraċċjat l-iter proċedurali li waslu biex ma tixhidx Dolores Debono.

**25.** L-imsemmija Dolores Debono għamlet rikors ai termini tal-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali biex tkun eżentata milli tixhed minħabba l-istat ta’ saħħa tagħha (ara fol 59 fl-atti tal-akkuża 16/2013). Ir-rikorrent għamel

risposta u fiha għal darba darbtejn irriserva li jagħmel kontro-eżami tax-xhud. Il-Qorti permezz ta' digriet laqgħat it-talba u eżentat lill-imsemmija milli titla' tixhed, b'dana kellha tinqara id-deposizzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja. Ix-xhieda tagħha daħlet fil-proċess kriminali a' fol 134 tergo ta' dak il-proċess.

**26.** L-artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk:

"*2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:*

***Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1)*** *ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista't ikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8):*

*Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena utinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce*". (Emfażi tal-Qorti)

**27.** Il-Qorti qrat dik il-parti tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell u tħoss li l-posizzjoni legali inkwantu dak li jiddisponi dan l-artikolu ma ġietx pronunzjata sewwa. Dik il-parti tal-liġi tgħid ċar u tond li x-xhud xorta trid tixhed *viva voce*. Ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola

imsemmija f'dan l-artikolu ma tapplika għal każ li kellha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk dan bilfors jfisser li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent għandu validita`?

L-**Explanatory Guiding Notes on article 6** jispjegaw hekk:

*In Al-Khawaja and Tahery v. the United Kingdom [GC] (§§ 119-147) the Court clarified the principles to be applied when a witness does not attend a public trial. These principles may be summarised as follows (Seton v. the United Kingdom, §§ 58-59; Dimović v. Serbia, §§ 36-40; T.K. v. Lithuania, §§ 95-96):*

*The Court should first examine the preliminary question of whether there was a good reason for admitting the evidence of an absent witness, keeping in mind that witnesses should as a general rule give evidence during the trial and that all reasonable efforts should be made to secure their attendance;*

*When a witness has not been examined at any prior stage of the proceedings, allowing the admission of a witness statement in lieu of live evidence at trial must be a measure of last resort;*

*Admitting as evidence statements of absent witnesses results in a potential disadvantage for the criminal defendant, who, in principle, should have an effective opportunity to challenge the evidence against him. In particular, he should be able to test the truthfulness and reliability of the evidence*

*given by the witnesses, by having them orally examined in his presence, either at the time the witness was making the statement or at a later stage in the proceedings;*

*According to the "sole or decisive rule", if the conviction of a defendant is solely or mainly based on evidence provided by witnesses whom the accused is unable to question at any stage of the proceedings, his defence rights are unduly restricted;*

*However, as Article 6 § 3 of the Convention should be interpreted in a holistic examination of the fairness of the proceedings, the sole or decisive rule should not be applied in an inflexible manner;*

*In particular, where a hearsay statement is the sole or decisive evidence against a defendant, its admission as evidence will not automatically result in a breach of Article 6 § 1. At the same time, Guide on Article 6 of the Convention – Right to a fair trial (criminal limb) European Court of Human Rights 92/124 Last update: 30.04.2021 where a conviction is based solely or decisively on the evidence of absent witnesses, the Court must subject the proceedings to the most searching scrutiny. Because of the dangers of the admission of such evidence, it would constitute a very important factor to balance and one which would require sufficient counterbalancing factors, including the existence of strong procedural safeguards. The question in each case is whether there are sufficient counterbalancing factors in place, including measures that permit a fair and proper assessment of the*

*reliability of that evidence to take place. This would permit a conviction to be based on such evidence only if it is sufficiently reliable given its importance to the case."*

**28.** Il-Qorti tfakkar ukoll li dak li qiegħed ikun trattat f'din is-Sentenza huwa wieħed mid-drittijiet minimi li jiggarantixxu kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni għal smiegħ xieraq. Iżda l-Qrati tagħna qalu hekk ukoll:

"*Id-dritt għal smigħ xieraq ma jfissirx li min, a tempo vergine, ikollu okkażjoni jirrimedja għal xi allegat nuqqas iżda jonqos milli jużufruwixxi millokkażjoni, jkollu dritt ulterjuri li jilmenta li nkisirlu xi dritt fundamentali tiegħu. Persuna ma tistax tinjora l-ordnijiet tal-Qorti jew tittraskura li ssegwi dak li jiġi verbalizzat in atti, u wara tippretendi li sar xi żball li affettwa l-każ tagħha quddiem dik il-Qorti. ... Jekk għal xi allegat żball parti b'mod partikolari dwar is-siwi ritwali tal-verbali li jsiru matul is-smigħ ta' Kawza jkollha rimedju li jkun vijabbli u effettiv, iżda ma tutilizzahx, ma tistax wara tilmenta minn xi nuqqas"* (Ara **P.A. (Kost) TM 7.7.2004 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Mintoff vs Avukat Ġenerali et (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14.3.2005**).

**29.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti tal-Kawża kriminali, u din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet il-Qorti tal-Apell Kriminali, inkwantu r-rikorrent meta wieġeb għar-rikors fuq imsemmi ta' Dolores Debono, ma weriex xi vehemanza għalih, anzi kien mit ħafna salv li għamel sewwa li rriserva il-kontro-eżami. Anke jekk il-Qorti ħasset li kellha teżenta lill-imsemmija Dolores Debono

milli tixhed, il-fatt li ir-rikorrent kien xorta għad għandu id-dritt li jagħmel il-kontor-eżami, id-dritt tiegħu kif imħares mill-artikoli inkwistjoni kien għadu hemm. Di fatti l-Awturi fuq il-materja jgħidu hekk:

*"In the Unterpertinger case the Court took the position that a witness need not necessarily appear in person in Court without this conflicting per se with the paragraphs 1 and 3(d) of article 6. However the rights of the defence may not be effected by this and specifically not the right of the accused to examine or have examined the witnesses of the prosecution."* (**Theory and Practice of the European Convention-Van Djik & Van Hoof. Second Edition pag 354**).

**30.** Huwa importanti li dawn l-awturi jagħmlu referenza għal "*the right of the accused …. to have examined the witnesses of the prosecution".* Ma hemm ebda dubbju li din tirreferi għad-dritt tal-kontro eżami anke jekk ma jintużawx frażijiet bħal "*cross examine*". Dan huwa ukoll il-kliem użat kemm fl-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-Konvenzjoni. Fl-atti tal-proċeduri kemm dawk tal-Qorti Kriminali u kif ukoll tal-Appell Kriminali, ma hemm xejn li jindika li r-rikorrent kien imċaħħad li jagħmel il-kontro-eżami. Ara li kieku talab li jagħmlu u l-Qorti ċaħditulu, kien ikun ksur lampanti tad-dritt tiegħu kif imħares minn dawn l-artikoli tal-liġi. Imma dan ma kienx il-każ.

**31.** Ir-rikorrent kellu kull dritt li jagħmel il-kontro-eżami. Li ma jagħmlux kienet għażla tiegħu. Ir-rikorrent jilmenta li mingħajr ix-xhieda viva voce

tax-xhud, intilef il-vantaġġ li l-ġurija setgħet tapprezza aħjar ix-xhieda. Kieku għażel li jagħmel il-kontro-eżami dan l-iskop żgur kien jintlaħaq aktar aħjar. L-Istitut tal-kontro-eżami jipprovdi benefiċċji proċedurali li ma humiex riġidi daqs dak tal-eżami. Il-Qorti tfakkar, li artikolu 579 tal Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jistabilixxi li "*Il-parti kuntrarja tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud; u f'dan il-kontro-eżami tista' tagħmel* ***mistoqsijiet diretti jew suġġestivi***". (Enfażi tal-Qorti).

**32.** Għalhekk anke dan ir-rimedju ser ikun miċħud.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Spejjes kollha a' karigu tar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**